# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Fabian CATANIA**

Att t'akkuża numru: 12/2020

Illum id-19 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Fabian CATANIA ta' 46 sena iben Francis u Pauline xebba Grech imwieled Ħ'Attard fis-7 ta' Novembru 1975, residenti Corner Apartments Nru 2, Triq il-Fiera Baħrija, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0544275M** li ġie akkużat talli:

**L-EWWEL (1) KAP - *Assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga Cannabis***

Illi nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel **Fabian Catania,** minn issa l-quddiem jissejjaħ l-akkużat**,**

xjentement iddeċieda illi jassoċja ruħu ma persuna/i oħra bil-għan illi tiġi mportata d-droga, u ċioe l-ħaxixa tal-cannabis f'Malta, għal fini ta' traffikar;

Illi għal dan il-għan dak in-nhar stess filgħodu l-akkużat ftiehem ma persuna oħra, li mill-investigazzjoni rriżulta li kien ċertu Tomislav Hegedus, biex jiltaqgħu ħdejn il-pompa tal-petrol ta' Ħal Qormi bl-isem ta' Mike Service Station, fejn meta ltaqgħu ġie skambjat vann tal-għamla Isuzu targat KAB361 liema vann intuża bħala l-mezz biex tinġarr l-għamara li fiha nstabet moħbija d-droga mertu dan il-każ. Illi l-ftehim kien li wara li titgħabba l-għamara l-akkużat kellu jħalli l-vann ipparkjat Santa Venera, senjatament fi Triq San Ġorġ u jitlaq lura għal triqtu bil-vettura tiegħu.

Illi skont l-akkużat oriġinarjament l-għamara kellha titgħabba minn Ħal Qormi bil-pjan jinbidel meta wara ċertu ħin jistenna Ħal Qormi l-akkużat ingħata struzzjoni mingħand Tomislav Hegedus biex minnflok jmur jiġbor ix-xogħol minn Ta' Qali. Illi skont l-akkużat din il-biċċa xogħol kienet ġja saret darb'oħra bejniethom fejn dik id-darba kien tħallas madwar elfejn (€2,000) u ħamest elef euro (€5,000);

Illi propju fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, il-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-drogi, fuq informazzjoni li daħlitilha, bdiet tissorvelja l-akkwati ta' ħdejn il-pompa tal-petrol bl-isem ta' Mike Service Station ġewwa Ħal Qormi fejn ħin minnhom innotaw persuna, li wara rriżulta li kien ċertu Tomislav Hegedus, isuq vann tal-għamla Isuzu targat KAB361, jieqaf ħdejn l-imsemmija pompa u ftit tal-ħin wara deher qed jitkellem mal-akkużat li kien qed isuq vettura tal-għamla Hyundai Getz targata CBJ401. Illi rriżulta li wara li l-vann ingħata l-fuel l-akkużat daħal fil-vann b'Tomislav Hegedus jitlaq minn fuq il-post b'vettura oħra. Illi l-pulizija baqaw josservaw il-movimenti tal-imsemmi vann fejn wara ċertu ħin jistenna Ħal Qormi deher jitlaq minn Ħal Qormi bil-pulizija tibqa' issegwi t-traġitt tal-vann sa Ta' Qali senjatament sa ħdejn l-Ambaxxata Amerikana. Illi l-pulizija baqgħet tissorvelja l-akkwati ta' Ta Qali biex tibqa' issegwi l-movimenti tal-imsemmi van tant illi meta l-istess vann tfaċċa ħiereġ minn fejn l-Ambaxxata l-pulizija baqgħet issegwi t-traġitt tiegħu sakemm waqaf fi Triq San Ġorġ ġewwa Santa Venera fejn kien f'dan il-mument li l-pulizija ddeċidiet li tinterċetta l-imsemmi vann misjuq mill-akkużat;

Illi l-għamara li nstabet ġewwa l-vann tant kienet f'kundizzjoni ħażina li kompliet tqanqal suspett li fiha kien hemm xi sustanza lleċita fis-sens illi prattikament ma kienx jagħmel sens li tali għamara f'dik il-kondizzjoni tiġi trasportata. Illi malli l-pulizija nterċettat il-vann informat lill-Maġistrat Inkwerenti biex tieħu mingħandu l-ordnijiet meħtieġa skont il-liġi bil-għan li tkun f'pożizzjoni tissokta bl-investgazzjoni tagħha mingħajr xkiel bil-għan illi tiġi ppriżervata kull prova eżistenti. Illi minn naħa tiegħu l-Maġistrat Inkwerenti ħatar diversi esperti għal dan il-għan;

Illi mit-tfittxija u l-analiżi li saret mill-uffiċjali tas-SOCOs fuq l-imsemmi vann kif ukoll fuq l-għamara li kienet fih ġew elevati diversi pakketti li fihom deher li kien hemm sustanza li x'aktarx kienet ħaxixa tal-cannabis. Illi l-proċess tal-elevar sar fil-preżenza tal-akkużat, iddokumentat kif ukoll iffotografat mill-imsemmija uffiċċjali tas-SOCO;

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza li nstabet fl-imsemmija pakketti li nstabu ġewwa l-għamara ġie kkonfermat li filfatt din kienet ħaxixa tal-cannabis fl-ammont nett ta' tlieta u sebgħin kilogrammi u nofs (73.5 kg) bil-purita' ta' ċirka 6.5%;

Illi d-droga cannabis hija regolata taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Illi b'għemilu l-akkużat **Fabian Catania** sar ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex tiġi ttraffikata l-ħaxixa Cannabis f'dawn il-Gżejjer, madwar tlieta u sebgħin kilogrammi (73kg), kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Fabian Catania** ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw id-droga Cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Fabian Catania** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tiegħu kif ukoll talli rrenda ruħu bħala

reċediv hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **22(1)(a)(f)(1A)(1B)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23, 49, 50, 579(2)** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Fabian Catania**.

**<u>IT-TIENI (2) KAP -</u>** ***Pussess aggravat tad-droga Cannabis***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal- Akkuża u cioe fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) hekk kif appena ndikat fis-suespost eżattament malli l-Pulizija nterċettat il-vann Isuzu misjuq mill-akkużat irriżulta li fil-biċċtejn għamara li kien hemm ġo fih ġew elevati madwar tlieta u sebgħin kilogrammi (73 kgs) ta' droga Cannabis;

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll l-ammont innifsu tad-droga li nstabet fil-pussess tal-akkużat juru li tali droga ma' kinitx intiża għall-użu esklużżiv tiegħu;

Illi l-akkużat **Fabian Catania** ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi b'għemilu l-akkużat **Fabian Catania** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużat **Fabian Catania** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga

Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern **f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu** dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Fabian Catania** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu kif ukoll talli rrenda ruħu reċediv hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **8(a), 13, 14, 22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u r-regola **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** u fl-**artikoli 23, 49, 50** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Fabian Catania.**

**<u>IT-TIELET (3) KAP - </u>*Pussess ta' droga Kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-att ta' Akkuża u cioe nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) waqt it-tfittxija li saret fuq l-imsemmi vann Isuzu l-pulizija elevat ukoll pakkett tas-sigaretti li fih deher li kien hemm xi sustanza bajda suspettata droga kokajina bl-akkużat jikkonferma li kienet tiegħu;

Illi minn eżamijiet ulterjuri tal-espert tal-Qorti rriżulta li din is-sustanza filfatt kienet kokajina, senjatament ċirka ħamsa u għoxrin grammi (0.25g). Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Illi b'għemilu l-akkużat **Fabian Catania** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura

l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Fabian Catania** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Fabian Catania** u li jiġi kkundannat għal piena ta' tnax-il (12) xahar priġunerija u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u sebgħin ewro (€470) iżda mhux iżjed minn elfejn u tlett mitt euro (€2,300) b'dana li kemm il-darba misjub ħati jkun rrenda ruħu reċidiv skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **9**, **10(1)**, **13, 14**, **20**, **22(1)(a)**, **22(2)(b)(ii)**, **26** u **28** tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu **101** tal-liġijiet ta' Malta, fir-regola **9** tal-liġi sussidjarja **101.02** u fl-artikoli **17**, **18**, **23**, **31**, **49, 50** u **533** tal-Kapitolu **9** tal-liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat **Fabian Catania.**

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat CATANIA nhar it-12 ta' Frar 2021 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti :

a) Illi preliminarjament, l-esponent akkuzat jeccepixxi n-nullita' ta' l-Att tal-Akkuza. Wiehed ma jkunx qieghed jonqos meta jghid li l-Att ta' Akkuza gie redatt b'tali mod li l-gurati jinghataw impressjoni li b'mod immedjat ser tixhet dawl ikrah fuq l-esponent, u per konsegwenza tista' tippregudika irrimedjabilment l-process tieghu mill-bidu net; Il-mod ta' kif inhu redat l-Att t'Akkuza jista' jwassal illi s-serenita' tal-gudizzju tal-gurati tigi disturbata u ghalhekk jista' jinholoq pregudizzju ta' smiegh xieraq.Bl-akbar rispett, l-Avukat

Generali fl-Att t'Akkuza konvenjentament ghazel li jhalli barra dawk id-dettalji li jimmilitaw favur l-esponent. Il-gurati ser jithallew fl-ghama minn informazzjoni fundamentali.

b) Illi mingħir preġudizzju għas-suespost, l-*controlled delivery* mertu ta' dawn il-proceduri hija *per se null and void* u dana stante li ma hemm l-ebda awtorizzazzjoni sabiex din saret mil-Magistrat li mexxa l-In Genere relattiva jew inkella minn l-istess Avukat Ġenerali. F'dan ir-rigward hemm nuqqasijiet sostanzjali li jrendu dan l-ezercizzju kif sehh fil-prattika null, mill-aspett legali stante li dak li trid il-ligi ma giex osservat. Ghaldaqstant a bazi tal-principju legali *quod nullum est, nullum producit effectum,* dak kollu li rrizulta minn tali *controlled delivery* huwa inammissibbli u għandu jiġi sfilzat. Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

c) Illi mingħir preġudizzju għas-suespost l-Att ta' Akkuza ghandha tigi riformata billi hija nieqsa minn fatti fin-narrativa li huma essenzjali u necessarji ai finijiet ta' gustizzja ossia illi skond kif dikjarat anke minn l-istess Fabian Catania, l-akkuzat ma' kellu ebda ftehim relatat ma sustanzi llegali. Din id-dikjarazzjoni hija kif inghad essenzjali u ghaldaqstant dan in-nuqqas jaghmel l-Att ta' Akkuza annullabbli u hawnhekk il-fatt miġjub fl-att ta' l-akkuza ma jikkostitwixxix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f'dak l-att. Ghalhekk jehtieg li fl-ewwel lok din il-Qorti tqis dak li Att ta' Akkuza ghandha tinkludi. F'dan ir-rigward huwa applikabbli l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Illi mingħir preġudizzju għas-suespost l-istqarrijiet rilaxxati minn l-akkużat għandhom jiġu skartati u dan għaliex id-dritt għal assistenza legali ma ġiex mgħoti lill-akkużat b'mod xieraq f'l-istadju pre-trial u waqt li ġiet meħuda l-istqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat tal-għassa, l-akkużat ma kienx qed jifhem ir-riperkussjonijiet u l-effetti ta' Artikolu 29 li ġie offrut lilu mill-prosekuzzjoni. Għalkemm il-prosekuzzjoni tiffavorixxi lill-akkużat b'karta tar-rifjut tiegħu għal assistenza legali, id-dritt ewropew huwa fis-sens li l-istess dritt irid jiġi mgħoti b'mod li huwa effettiv u li l-akkużat jifhem tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari u personali tal-kas. L-akkużat mhux biss kellu dritt li jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, iżda anke jekk huwa xtaq li jassisti lilu n-nifsu f'kas ta' din il-portata, tali assistenza u rappreżentazzjoni kella tkun waħda effettiva u mhux li tpoġġi lill-akkużat f'sitwazzjoni ta' diffikulta' kbira kif jiddefendi d-drittijiet tiegħu. Illi s-saltna tad-dritt jimponi lli l-istess prosekuzzjoni għandha tiskarta stqarrijiet li ma jkunux meħudha skond id-dettami legali. Għaldaqstant qiegħed jiġi umilment sottomess li tali evidenza għandha tiġi sfilzata. Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

e) Illi mingħir preġudizzju għas-suespost f'dan il-kas l-akkużat tressaq taħt arrest ma persuna oħra u cio e' ma Tomislav Hegedus li huwa meqjus bħala ko-akkużat u infatti fil-mori tal-kumpilazzjoni l-provi instemgħu kontestwalment. L-ebda stqarrija li seta rrilaxxa l-istess ko-imputat m'hija ammissibbli bħala prova fil-konfront tal-akkużat u għalkemm l-investigazzjoni hija l-istess u l-ġbir tal-provi kien ukoll essenzjalment univoku fil-konfront tal-akkużati, Fabian Catania ġie akkużat b' mod separat minn Tomislav Hegedus. Għaldaqstant tali evidenza ma hijiex ammissibbli kontra l-akkużat. Din l-eccezzjoni

qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

f) Illi mingħir preġudizzju għas-suespost, l-istqarrija ta' Fabian Catania għandha tiġi skartata u dan għaliex huwa ma natax id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali hekk kif dispost fil-liġi. Illi mhux biss ma ttiħidtx kont tal- vizzju tal-akkużat u l-*withdrawal symptoms* li huwa kellu meta rrilaxxa l-istqarrija, iżda l-akkużat ma natax id-dritt ta' aċċess għall-materjal tal-każ u l-anqas ma ġie mgħoti aċċess għall-fatti u l-materjal kollu tal-kas. Din l-informazzjoni kellha tingħata fil-pront u bid-dettal meħtieġ sabiex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża. L-akkużat ma kienx jaf u allura ma setax jirrealiżża s-serjeta' tal- kas u l-konsegwenzi tiegħu.  Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

g) Illi mingħir preġudizzju għas-suespost, kull dikjarazzjoni verbali li l-akkużat għamel għandha tiġi sfilzata u dan għaliex hija inammissibbli. Meta l-ligi titkellem dwar stqarrija ma jfissirx unikament stqarrija bil-miktub izda tinkludi ukoll kull stqarrija ohra verbali u għalhekk għandha tapplika l-istess protezzjoni li hu intitolat ghaliha l-akkuzat fil-*pre-trial* stage skond ġurisprudenza kostanti. Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

h) Illi mingħir preġudizzju għas-suespos u per konsegwenza ta' dak mistqarr permezz tad- dikjarazzjonijiet li essenzjalment l-akkużat għamel u li huma inammissibbli ġja la darba saru mingħir dritt għal assitenza legali, dan irrenda lill-istess akkużat f'sitwazzjoni ta'

*hobson's choice* fejn dak li qal l-akkużat *pre-trial* ġewwa Santa Vennera meta huwa twaqqaf mill-Pulizija huwa u jsuq il-van tal-għamla ISUZU inferixxa u rrenda inammissibbli l-istess verżjoni mistqarra minnu f'l-*in genere* meta l-istess akkużat irilaxxa stqarrija ġuramentata. Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali. Għaldaqstant kull stqarrija li l-akkużat irrilaxxa għandha tiġi sfilzata.

i) Illi mingħir preġudizzju għas-suespost, l-addebitu tar-recidiva moghtija kontra l-esponenti akkuzat hija legalment zbaljata u dana tenut kont tal-fatt li l-provi kumpilati in sostenn ta' dan l-addebitu, juru proċeduri penali li kienu jittrattaw vjolazzjoni ta' ligi b'mod li ma jinkwadrax mar-regola tal-aħjar prova. Illi l-uffiċjal investigattiv ippreżenta biss vera kopji ta' dawn id-deċiżjonijiet, meta l-aħjar prova kellha tkun li tali sentenzi jiġu preżentati permezz tal-ġurament tar-reġistratur tal-Qorti u kif ukoll prova in sostenn tal-fatt li l-piena ġiet skontata jew imħalsa. Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 449(1)(b)(g) tal-Kodici Kriminali.

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari**

4. Illi n-narrativa esposta mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta’ Akkuża hija biss preżentazzjoni tal-verżjoni tal-fatti kif tkun fehmithom il-Prosekuzzjoni u li jridu jirriżultaw mill-provi li jkunu ġew miġbura matul il-proċess istruttorju quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Dawn il-fatti kif esposti bl-ebda mod ma jikkostitwixxu prova. Il-prova tiġi kostitwita minn dak miġbur fl-istadju istruttorju. Ix-xhieda li jkunu xehdu fl-istruttorja, bħala regola, iridu jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid fi stadju tal-Ġuri quddiem il-ġurati. B’hekk l-imħalfin tal-fatt ikunu jistgħu jaslu għall-ġudizzju tagħhom biss fuq dawk il-provi li jkunu nstemgħu quddiemhom. Il-fatti li jemerġu minn dawn id-deposizzjonijiet jistgħu anke jkunu differenti mill-verżjoni tal-fatti mistqarra fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuża mill-Avukat Ġenerali – bil-konsegwenti rikaduta li tkun tista’ tirriżulta għall-kredibbilita tal-akkuża nnifisha. Biss dik hija problema li taggrava lill-Prosekuzzjoni fl-istadju tal-Ġuri in kwantu l-Prosekuzzjoni tkun taf minn qabel li għalkemm il-fatti narrati fil-parti narrativa tal-Att tal-Akkuża la tikkostitwixxi prova u l-anqas torbot lill-Prosekuzzjoni, mill-banda l-oħra diskrepanzi bejn il-fatti mistqarra mill-Prosekuzzjoni fl-att tal-akkuża u dawk riżultanti mill-provi prodotti jista’ jkollha effett favorevoli għad-Difiża in kwantu tkun turi nuqqas ta’ koerenza u konsistenza fit-teżi akkużatriċi.

5. Il-kontenut narrativ tal-Att ta’ Akkuża ma jorbotx lill-ġurati. Dan l-Att iservi biex l-akkużat ikun jista’ jkollu stampa kemm jista’ jkun ċara tal-akkużi li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrativa, biex b’hekk huwa jkun jista’ jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.

6. Minn natura tiegħu, dokument akkużatorju qajla jista’ jkun jikkontjeni fatti li jistgħu jitfgħu dawl sabih fuq l-akkużat. Akkuża kriminali, fiha nnifisha, mhix xi ħaġa li tirrifletti pożittivament fuq il-persuna akkużata. Il-kwistjoni kruċjali hija jekk il-fatti ikunux kemm jista’ jkun fidili għall-fatti li jemerġu mill-provi prodotti; u b’mod partikolari jekk dawk il-fatti narrati fl-aħħar mill-aħħar jirriflettux fihom l-elementi tar-reat li l-Avukat Ġenerali imbagħad jixli lill-akkużat bihom. Mill-fatti narrati f’dan l-Att tal-Akkuża, din il-Qorti ma tarax li hemm xi fatturi li jistgħu jitqiesu li joħolqu xi preġudizzju partikolari kontra l-akkużat, għajr ħlief, naturalment l-aspett fundamentali ta’ kull att akkużatorju li jekk pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni **<u>in bażi għall-provi li jitresqu</u>**, l-akkużat ikun jista’ jiġi misjub ħati tal-istess akkużi.

L-anqas tara li kien hemm xi diskrezzjoni li hija mogħtija bil-Liġi lil-Avukat Ġenerali u fejn dan allura ma eżerċitax tali diskrezzjoni.[1]

7. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-akkużat fejn jattakka l-Att ta' Akkuża għax skontu jixħet dawl ikrah fuqu. Apparti li dan ma jwassalx għan-nullita tal-Att tal-Akkuża, jibqa' l-fatt li dak li huwa determinanti biex l-imħallfin tal-fatt jiddeċiedu fuq il-kolpevolezza o meno tal-akkużat fir-rigward tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, huma l-provi li għad iridu jinstemgħu fl-istadju tal-Ġuri, aktar minn dak li jkun kontenut fil-parti narrativa tal-Att tal-Akkuża.

8. Fi kwalunkwe każ, huwa wkoll notorju f'dan il-kamp li fl-indirizzi tagħhom l-Imħalfin togati invarjabbilment jispjegaw lill-ġurati dawn il-fatturi kollha, inkluż u b'mod partikolari l-importanza li jistrieħu biss fuq il-provi prodotti aktar milli dak li jkun miktub mill-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża minnu mressaq. Dan il-każ ma għandux ikun eċċezzjoni.

**Għalhekk, din l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

**It-tieni eċċezzjoni**

9. L-akkużat jargumenta li l-operazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva li waslet għall-arrest tiegħu b'rabta mas-sejba tad-droga in kwistjoni kienet tammonta għal konsenja kontrollata fit-termini tal-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. In kwantu tali allura jgħid li kellha tinġieb il-prova dokumentata li din saret bil-mod indikat fl-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi. L-akkużat jinsisti li l-operazzjoni tal-Pulizija minn meta dawn segwew il-movimenti ta' Hegedus u CATANIA f'Ħal Qormi sal-mument illi effettivament ġie interċettat il-vann tal-għamla Isużu u sussegwentement ġiet misjuba s-sustanza illeċita, kienet operazzjoni ssorveljata mill-Pulizija Eżekuttiva mill-bidu sal-aħħar u kienet ukoll taħt il-kontroll tagħhom. Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali jikkonċedi li din seħħet taħt is-sorveljanza tal-Pulizija fis-

[1] Ara l-artikolu 596 tal-Kodiċi Kriminali.

sens li kienu qiegħdin josservaw x'kien qiegħed iseħħ mill-vetturi tagħhom fil-postazzjoni li kienu fiha; iżda l-konsenja tad-droga ma kinitx konsenja kontrollata hekk kif definita fl-Artikolu 30B(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Ikun hemm konsenja kontrollata meta :

> it-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor, intatta, jew imneħħija jew mibdula kompletament jew parzjalment, bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u, fejn tkun il-każ, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi kornspondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor.

11. Konsenja kontrollata tkun tista' ssir mill-Pulizija Eżekuttiva jew mid-Dwana Maltija dment li jkunu ottjenew il-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat.

12. Issa din il-Qorti ġiet imsejħa biex fit-termini tal-kompetenza vestita fiha bis-saħħa tal-Artikolu 436(2) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċiedi fuq l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat. Kemm fl-istadju tal-Ġuri kif ukoll f'dan l-istadju preliminari, l-imħallef m'għandux jinkludi apprezzament tal-provi miġbura fil-każ. L-apprezzament tal-provi hija mansjoni rimessa lil ġurati bħala imħallfin tal-fatt sabiex jaslu għad-deċiżjoni ta' ħtija o meno tal-akkużat permezz tal-verdett tagħhom. Fl-istadju tas-smiegħ tal-eċċezzjonijiet preliminari din il-Qorti ma tidħolx fuq kwistjonijiet t'interpretazzjoni tal-fatti tal-każ. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tinterpreta l-fatti kif jirriżultaw mill-atti in segwitu għall-istruttorja.

13. Il-kwistjoni dwar jekk, f'każ partikolari, tkunx saret konsenja kontrollata jew le, fiha aspetti kemm ta' natura legali kif ukoll oħrajn ta' natura fattwali. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Gambin et** deċiża nhar il-15 ta' Jannar 2020 intqal hekk:

> 26. Issa, l-kwistjoni tal-konsenja kontrollata taghmel sia minn aspetti legali kif ukoll fattwali u **din il-Qorti ma tara xejn zbaljat fid-decizjoni tal-ewwel**

**Qorti li thalli l-aspett fattwali ghall-verdett tal-guri**.[2] L-ewwel Qorti spjegat, kif kienet fid-dover illi taghmel, ir-regola tal-aktar prova shiha kif ravvizata fl-artikolu 638 talKodici Kriminali. Ma setghetx imbaghad fl-istess nifs tghid lill-imhallfin tal-fatti sabiex jiskartaw dan il-principju fil-konfront tal-prova dwar il-konsenja kontrollata. Pero' hawn, il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali meta jghid li l-ewwel Qorti rabtet din ir-regola "mal-kontestazzjoni principali tal-partijiet ossija l-validita/legalita o meno tal-konsenja kontrollata" (pagna 17 tar-rikors tal-appell);

27. L-ewwel Qorti ghamlitha cara kemm il-darba illi l-ewwel linja difensjonali tal-akkuzati kienet il-kwistjoni ta' nuqqas ta' xjenza u ghalhekk dik ma kienitx il-kontestazzjoni principali tal-partijiet. **Fit-tieni lok, l-Imhallef halliet ghall-gudizzju tal-guri bhala imhallfin tal-fatti biex jaraw jekk kienx hemm il-prova tal-awtorizazzjoni tal-magistrat kif xehed ix-xhud u jekk dik id-dikjarazzjoni kienitx sufficjenti**.[3] L-indirizz tal-Imhallef imkien ma jista' b'xi mod jiftiehem li n-nuqqas ta' prova tal-awtorizazzjoni tista' jew ghandha twassal ghan-nullita' tal-operazzjoni u del resto din qatt ma kienet wahda mill-linji difensjonali u ghalhekk lanqas ma setghet tkun spjegata mill-Imhallef b'dan il-mod lil guri.

14. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-Pulizija ddikjaraw li din l-operazzjoni kienet konsenja kontrollata. Mhux kontestat mix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar, l-Ispettur Kevin Pulis kif ukoll l-Uffiċjali tal-Pulizija l-oħra li kienu qegħdin jissorveljaw il-movimenti ta' Hegedus u ta' CATANIA dakinhar tat-30 ta' Ġunju 2018, li l-operazzjoni kollha li seħħet dakinhar filgħodu sa kmieni wara nofsinhar kienet seħħet taħt għajnejn il-Pulizija li kellhom informazzjoni li kien sejjer isir xi negozju ta' droga bl-involviment ta ċertu Tomislav Hegedus. Hegedus kien diġa magħruf mal-Pulizija.

15. Dak li din il-Qorti tista' tikkonkludi f'dan l-istadju huwa li l-Pulizija kellha informazzjoni li waslitha biex grazzi għas-sorveljanza li għamlet fil-konfront ta' Tomislav Hegedus, waslithom biex jikxfu episodju ta' traffikar ta' ammont sostanzjali ta' droga cannabis. L-interpretazzjoni ta' f'xiex dik l-informazzjoni kienet tikkonsisti u minfejn inġiebet dik l-informazzjoni hija kwistjoni t'apprezzament ta' fatt li dwaru jkunu jridu jixhdu l-Uffiċjali tal-Pulizija involuti. Stando ma dak li diġa ġie mistqarr minnhom, jirriżulta li huma għamlu użu minn informazzjoni li waslitilhom. Iżda x'kienet preċiżament tikkonsisti dik l-informazzjoni baqa' ma ġiex iċċarat. Ma ingħataw ebda dettalji speċifiċi dwar jekk din l-informazzjoni kienetx speċifika jew ġenerika, jew f'liema stadju l-informazzjoni kienet waslet lil

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.
[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

Pulizija. Il-Prosekuzzjoni jinsistu li din ma kienetx konsenja ta' droga kontrollata.

16. Dan ifisser li fl-istadju tal-Ġuri, l-Uffiċjali tal-Pulizija jista' jkun li jerġgħu jikkonfermaw li din l-operazzjoni ma kinitx waħda ta' konsenja kontrollata. Iżda mill-banda l-oħra, bħala kwistjoni ta' fatt, jista' jirriżulta wkoll mod ieħor għax fl-aħħar mill-aħħar, ad eżempju, ma ġiex żvelat jekk l-informazzjoni li kellhom il-Pulizija dwar in-negozju tad-droga li kellu jsir kienetx waħda ġenerika jew speċifika, jekk sarux jafu biha qabel ma l-istess konsenja ta' droga cannabis waslet Malta jew wara li din waslet f'Malta minn barra, eċċetra. Dawn huwa kwistjonijiet ta' fatt li jistgħu jemerġu matul il-kors tal-Ġuri.

17. Għalkemm xejn ideali, mill-banda l-oħra, ikun prematur f'dan l-istadju li din il-Qorti teskludi x-xiehda tal-Pulizija dwar l-operazzjoni li waslet għas-sejba ta' droga f'dan il-każ. **F'Gambin** is-sitwazzjoni kienet differenti, mhux biss għax l-ewwel darba li nstema' l-fatt li l-Pulizija kienu qiegħdin jaġixxu taħt konsenja kontrollata kien fl-istadju tal-Ġuri, iżda anki għaliex emerġa ċar u tond mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison li l-Pulizija kienu qiegħdin joperaw permezz ta' konsenja kontrollata. Fil-kawża in diżamina iżda, l-Avukat Ġenerali qiegħed ferm fil-pożizzjoni tiegħu li dakinhar tat-30 ta' Ġunju 2018 ma seħħitx konsenja ta' droga kontrollata u lanqas ma jirriżulta li xi uffiċjal tal-Pulizija xehed li din kienet konsenja kontrollata. Iżda din il-Qorti ma tistax tgħid x'jista' jirriżulta mill-provi matul il-kors tal-Ġuri.

18. Għaldaqstant, huwa prematur li tiġi dikjarata inammissibbli kull prova li temerġi mill-atti proċesswali b'rabta mal-operazzjoni tal-Pulizija li seħħet fit-30 ta' Ġunju 2018 u li waslet għas-sejba ta' droga mertu ta' dawn il-proċeduri. Biss, din il-Qorti tirriżerva li tigwida lill-ġurati bil-mod opportun jekk mix-xhieda li temerġi waqt il-ġuri jirriżulta li effettivament l-operazzjoni tal-Pulizija kienet tissubentra fit-tifsira ta' konsenja kontrollata, inkluż kwindi dwar il-kwistjoni tad-dokumentazzjoni rikjesta mil-Liġi għall-validazzjoni tal-imsemmija konsenja in linja mal-insenjament f'**Gambin** fuq dan il-punt:

> 20. Din il-Qorti hi tal-fehma illi konsenja kontrollata hija kwistjoni serja li tirrikjedi li tkun dokumentata b'dettalji precizi ghaliex hafna drabi si tratta ta' awtorizazzjoni sabiex droga, wisq drabi f'ammonti sostanzjali, tithalla f'idejn persuni anke intercettati bl-istess droga kif ukoll li jsir hlas ghaliha bi flejjes li dwarhom tkun mehtiega ukoll prova ta' provenjenza u prova li jkunu l-istess flejjes f'kaz li n-negozju jkun sar bis-sahha ta' dik il-konsenja kontrollata. Oltre dan, jehtieg li jkun

accertabbli li dik il-konsenja kontrollata tkun saret kif awtorizzata mill-Avukat Generali jew mill-magistrat u fil-konfront tas-suspettat imsemmi fl-awtorizazzjoni. Ghalkemm mhux necessarju li l-Pulizija tizvela min hi l-persuna li informata bl-allegat pjan ta' traffikar, jehtieg almenu li jkun hemm indikazzjoni tad-destinazzjoni intiza, mahsuba jew suspettata u dettalji ohra biex juru li dik l-awtorizazzjoni inghatat ghal dik l-operazzjoni fi hdan tal-informazzjon moghtija lill-Avukat Generali jew lill-magistrat skont il-kaz;

22. Dwar din il-materja, l-Qorti taghmel referenza ghall-Blackstone's Criminal Practice (Oxford University Press – 2008) fil-parti subintestata Informers and Information for Detection of Crime, parti F9.9 pagna 2440 u 2441 fejn jinghad: There is a long-established rule of law that in public prosecutions a witness may not be asked, and should not be allowed to disclose, the names of informers or the nature of the information given (Hardy (1794) 24 St Tr 199). The rule 29 applies to public prosecutions brought by the DPP and bodies authorised by statute to bring public prosecutions. The rationale of the rule was explained by Lawton LJ in Hennesseu (1978) 68 Cr App R 419 (at p. 425): 'The courts appreciate the need to protect the identity of informs, not only for their own safety but to ensure that the supply of information about criminal activities does not dry up.”. See also D v National Society for the Prevention of Cruelty to Children [1978] AC 171, per Lord Diplock at p. 218. The judge is obliged to apply the rules even it if is not invoked by the party entitled to object to disclose (Marks v Beyfus (1890) 25 QBD 494, er Lord Esher MR at p. 500, and Rankine [1986] QB 861, per Mann J at p. 867). However, it a witness called at trial is a participating informant in the very instance with which the trial in concerned, there has to be a very strong countervailing interest for his status not to be revealed (Patel [2002] Crim LR 304). In that case, it was not for HM Customs to determine the matter in their own favour without putting their own counsel or the court fully in the picture. Nor was it for the judge to have to piece together stray pieces of information in order to decide whether an individual was or was not a participating informat. There is an exception to the common-law rule where the judge is of the opinion that disclosure is necessary to establish the innocence of the accused. ….. if upon the trial of a prisoner the judge should be of opinion that the disclosure of the name of the informant is necessary or right in order to show the prisoner's innocence, then one public policy is in conflict with another public policy, and that which says that an innocent man is not to be condemned when his innocence can be proved is 30 the policy that must prevail. (Marks v Beyfus (1890) 25 EBD 494, per Lord Esher MR at p. 498. This outcome, however, results from performing the balancing exercise, not from dispensing with (Keane [1994] 1 WLR 746 – see F9.2). Judges should scrutinize application for disclosure of details about informants with very great care and should be astute to see whether assertions that knowledge of such details is essential to the running of a defence are justified. In some cases, the informant is an informant and no more; but even when the informant has participated in the events constituting, surrounding or following the crime, the judge must consider whether his role so impinges on an issue of interest to the defence, present or potential, as to make

disclosure necessary (Turner [ 1995] 1 WLR 264 per Lord Taylor CJ at p. 268).

23. Il-Qorti mhix qeghda necessarjament tikkondividi l-principji kollha enuncjati fis-sentenzi appena citati f'dan il-bran mill-Blackstone's, naturalment ghajr ghall-dak il-principju li kemm jista' jkun tkun protetta l-identita' tal-informer, pero' fih tirradika l-konvinciment taghha illi l-kunsens tal-Avukat Generali jew tal-magistrat fil-kwistjoni ta' konsenja kontrollata jehtieg li jkun pruvat mhux biss bix-xhieda ta' min ottjenieh izda ukoll bl-esebizzjoni tieghu fl-atti processwali. **Applikat dan ghall-kaz odjern, id-difiza kellha dritt tkun taf, ad ezempju, jekk iz-zewg akkuzati kienux msemmija f'dak il-kunsens, x'kienet l-informazzjoni li irceviet il-Pulizija Esekuttiva anke jekk tevita li ssemmi l-informer, kemm il-persuna kienu involuti bhala participating informers sabiex b'hekk ikun kontrollat ukoll min kien it-tielet persuna fuq id-dghajsa u jekk dan kienx membru tal-Korp tal-Pulizija sabiex b'hekk ikun kontrollat dak li jitlob l-artikolu 30B tal-Kap 101 li d-droga trid tkun taht is-sorveljanza tal-Pulizija waqt tali konsenja.**[4]

24. Huwa inkoncepibbli li Magistrat jawtorizza l-konsenja kontrollata fit-termini tal-artikolu 30B tal-Kap 101 jekk mhux bil-forma miktuba. Issa jekk din ghall-ewwel issirx bil-fomm u aktar tard tkunx segwita bil-miktub ghal-fini ta' espedjenza hija kwistjoni ta' dettal insinjifikanti ghaliex anke jekk kif jigri fil-prattika, l-Pulizija tipprezenta talba direttament f'idejn magistrat u l-istess magistrat jakkorda t-talba naturalment ikun sufficjenti. Kontra dak li jsehh fil-kwistjoni ta' mandat ta' zamma u tfittxija, il-Pulizija jkun jehtigilha zzomm dak il-mandat f'idejha u turih lill-persuna mizmuma jew li dwarha ssir il-perkwisizzjoni. F'kaz bhal dak odjern certament mhux mistenni bl-ebda tigbid tal-imaginiazzjoni li l-Pulizija turi dik l-awtorizazzjoni meta taghmel l-arrest, izda dik l-awtorizazzjoni certament hi mehtiega fi stadju ulterjuri f'kaz ta' prosekuzzjoni. Dak li hu ta' importanza f'dan kollu, izda, hu li tkun tezisti dik id-dokumentazzjoni li turi l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew tal-magistrat;

25. Naturalment kull kaz jippresta id-diffikulta` u l-fatti specie tieghu u l-Qorti ghandha dejjem bhala principju timmira li tkun prezervata l-anonimita' ta' min joffri informazzjoni. Certament ukoll li mhix is-soluzzjoni idejali li kwistjoni bhal din dwar prova tal-konsenja kontrollata tithalla biex tinsorgi proprju quddiem il-gurati u li bhala rimedju jithallew li jingiebu provi godda bil-konsegwenzi kollha li din tista' ggib maghha inkluz dibattiti shah dwar l-ammissibilita' bil-gurati dehlin u hergin mill-awla sakemm ikunu diskussi u decizi punti ta' dritt li ghalih tipprovdi l-ligi fl-eccezzjonijiet preliminari wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza.

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat.**

---

[4] Enfasi ta' din il-Qorti.

## Ikkunsidrat

## It-tielet eċċezzjoni

19. L-akkużat jeċepixxi n-nullita' tal-Att tal-Akkuża in kwantu skontu nieqsa mill-kriterju enunċjat fl-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li l-Att ta' Akkuża jkun ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat bil-partikolaritajiet kollha relavanti għall-kommissjoni ta' dak l-allegat reat u taċ-ċirkostanzi kollha li skont il-Liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali jistgħu jkabbaru jew inaqqsu l-piena. L-akkużat jargumenta li fil- parti narrativa ma ġiex indikat li kien hemm ftehim fuq il-bejgħ u/jew traffikar ta' sustanzi illeċiti bejnu u bejn il-ko-akkużat Hegedus b'referenza kwindi, din il-Qorti tifhem, għall-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

20. Fl-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuża CATANIA huwa akkużat bir-reat ta' assoċjazzjoni ai fini ta' traffikar tad-droga cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1)(f)(1A)(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li taqra bis-segwenti mod:

> 22(1) Kull min :-
>
> (f) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni,
>
> 22(1A): L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.
>
> 22(1B): (1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza.

21. Sabiex jiġi integrat dan ir-reat iridu jirriżultaw is-segwenti elementi:

(i) aktar minn persuna waħda;
(ii) negozju li jkun ġie miftiehem Malta jew barra minn Malta;
(iii) xi forma ta' ftehim;
(iv) L-iskop ta' dan in-negozju huwa t-traffikar ta' droga ;
(v)iridu jkunu ġew miftehma l-mezzi;

22. Illi din il-Qorti tqis is-segwenti :

i. L-Avukat Ġenerali użat kliem li jindika l-involviment ta' iżjed minn persuna waħda fil-kommissjoni tal-allegat reat hekk kif fit-tieni paragrafu tal-Att ta' Akkuża in diżamina ssemmi kemm lil Tomislav Hegedus kif ukoll lill-akkużat CATANIA fit-twettieq tal-fatti li skonta taw lok għar-reat;
ii. Tgħid li fit-30 ta' Ġunju 2018 filgħodu l-akkużat ftiehem ma Hegedus biex jiltaqgħu ħdejn il-pompa tal-petrol ta' Ħal-Qormi bl-isem Mike Service Station.
iii. Dawn il-persuni jissemmew in konnessjoni ma' ftehim dwar il-ġarr ta' għamara minn Ta' Qali għal Santa Venera permezz tal-vann Isużu targat KAB 361, liema vann, fit-tieni paragrafu tal-Ewwel Kap jingħad li intuża bħala l-mezz biex tinġarr l-għamara li fiha nstabet moħbija d-droga mertu ta' dan il-każ. Tgħid li l-ftehim kien li l-akkużat isuq dan il-vann lejn Ta' Qali, u wara li titgħabba dik l-għamara minn Ta' Qali, l-akkużat kellu jħalli l-vann ipparkjat fi Triq San Ġorġ, f'Santa Venera u jitlaq lura għal trieqtu bil-vettura tiegħu.
iv. Jiżdied jingħad li dan il-vann targat KAB 361 deher l-ewwel jasal ħdejn Mike Service Station misjuq minn Tomislav Hegedus. Hegedus imbagħad iltaqa' fuq il-post mal-akkużat CATANIA li wasal hemm b'vettura Hyundai Getz targata CBJ 401. CATANIA u Tomislav deheru jitkelmu quddiem 'Mike Service Station'. Wara imbagħad, il-vann KAB 361 instaq mill-akkużat CATANIA lejn Ta' Qali, u imbagħad lejn Santa Venera fejn fl-għamara li kienet ġiet mgħobbija fuqu nstabet is-sustanza illeċita.
v. Fis-sitt paragrafu fit-tieni paġna tal-Att ta' Akkuża tagħha, l-Avukat Ġenerali tgħid li minn analiżi ta' dawk il-pakketti rriżulta li l-vann misjuq minn Fabian Catania kien qiegħed iġorr d-droga cannabis fi kwantita' ta' 73.5 kgs.

23. Għalhekk, mill-mod kif ġew esposti l-fatti mill-Avukat Ġenerali ġie indikat kif kien hemm ftehim bejn Hegedus u CATANIA u li dan il-ftehim kien fir-rigward ta' sustanzi illeċiti in kwantu f'dak il-vann li deher isuq CATANIA l-ewwel għal Ta' Qali u wara lejn Santa Venera effettivament irriżulta li kien qiegħed iġorr id-droga illegali ħaxixa tal-cannabis fil-kwantita' indikata.

24. L-Att ta' Akkuża fih espożizzjoni ta' dawk il-fatti li fis-sustanza jikkostitwixxu r-reat ta' assoċjazzjoni taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-iskop tal-parti narrattiva fl-Att tal-Akkuża huwa sabiex l-akkużat ikun jista' jipprepara b'mod sħiħ u adegwat id-difiża tiegħu in kwantu jkollu biżżejjed dettalji sabiex ikun jaf biex ikun qiegħed jiġi akkużat. L-Att ta' Akkuża f'dan il-każ mhux karenti minn dawk il-fatti li jeżiġi l-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

25. Dak li żgur ad validitatem irid jirriżulta minn dan l-Ewwel Kap huma biss l-elementi tar-reat tal-assoċjazzjoni. Anke jekk l-akkużat ma jaqbilx ma din in-narrativa, jibqa' l-fatt li tali narrativa tikkonsisti biss f'espożizzjoni ta' fatti in sostenn għat-teżi kif ipprospettata mill-Avukat Ġenerali u bl-ebda mod ma tikkonsisti fi prova ta' dak li jintqal fiha. Din in-narrativa hija msejsa fuq il-provi kumpilati u li għandhom jerġgħu jinstemgħu quddiem il-ġurati. U dak li jiġi nkluż f'din in-narrativa hija l-prerogattiva tal-Avukat Ġenerali u tagħha biss; u dan indipendentement minn kemm effettivament 'il quddiem fl-istadju opportun ikunx irriżulta sal-grad tal-prova rikjest mil-Liġi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021 fejn intqal is-segwenti :

> 25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk :
>
> "L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –
>
> (a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;
>
> (b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;
>
> (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-

reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u

(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."

26. **Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.**[5]

27. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tas-Sitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap.

.../.....

**Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha**.[6] Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

26. Mill-atti kumpilatorji jirriżulta kif CATANIA kien preżenti flimkien ma' Hegedus fid-diversi postijiet madwar Malta li jissemmew fin-narrativa tal-Avukat Ġenerali bħala parti mill-pjan li skont l-Avukat Ġenerali kien miftiehem bejnithom fil-konsenja tas-sustanzi illeċiti li saret fit-30 ta' Ġunju 2018. Jirriżulta li l-vettura Isużu KAB 361 li fuqha nstabet kwantita' ta' sustanza illeċita kienet ġiet interċettata f'mument fejn kienet misjuqa minn l-akkużat CATANIA. L-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża għalhekk jissodisfa l-kriterji minimi rikjesti mill-Liġi.

---

[5] Enfasi ta' din il-Qorti.
[6] Enfasi ta' din il-Qorti.

27. Issa mbagħad jekk CATANIA ikkommettiex l-atti materjali li meħudin flimkien mal-element formali li jwasslu għar-reat ta' assoċjazzjoni ai fini ta' traffikar ta' droga hija kwistjoni rimessa lil ġurati wara li dawn ikunu semgħu l-provi kollha.

**Għaldaqstant, it-tielet eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet**

28. Illi **r-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet** sejrin jitqiesu flimkien. Ir-raba' eċċezzjoni titratta l-inammissibilita' tal-istqarrija bil-miktub magħmula mill-akkużat nhar it-30 ta' Ġunju 2018 u li tinsab traskritta a fol. 216 tal-atti proċesswali kif ukoll ta' dawk l-istqarrijiet magħmula quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke nhar l-1 ta' Lulju 2018. L-akkużat jilmenta li dawn l-istqarrijiet ma sarux fil-waqt li huwa kien assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu.

29. Il-pożizzjoni ġurisprudenzjali tal-Qrati Maltin f'dan ir-rigward evolviet fiż-żmien u dan anki sabiex tirrifletti l-pożizzjoni addottata mill-Qorti Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. In kwantu għal dawk l-istqarrijiet irilaxxjati qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi ntrodotti permezz tal-Att III tal-2002, preċiżament nhar l-10 ta' Frar 2010, il-pożizzjoni prevalenti kienet dik tal-inammissibilita' tagħhom u dan indipendentement minn jekk il-kontenut tagħhom kienx kompromettenti jew le, u dan minħabba l-projbizzjoni sistemika tal-aċċess għall-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni tal-akkużat. Is-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem **Borg vs. Malta**[7] firxet il-medda għal numru ta' sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati Maltin fejn stqarrijiet irrilaxxjati mill-akkużat fl-assenza tad-dritt tiegħu għall-aċċess għal assistenza

[7] QEDB 12 ta' Jannar 2016.

legali kienu iddikjarati bħala leżivi tad-dritt tas-smiegħ xieraq u għaldaqstant sfilzati mill-atti proċesswali.

30. F'dan is-sens din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi** deċiża nhar it-13 ta' Frar 2017 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn intqal hekk:

> L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn komprometttenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' Borg.

31. Bl-istess mod intqal fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ronnie (Ronald) Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) nhar id-29 ta' Mejju 2019 fejn ġie ritenut hekk:

> Illi l-appellant iqanqal f'dan l-istadju l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija a tempo vergine meta kien gie arrestat u interrogat. Jibda biex jinghad illi l-appellant qatt ma ammetta r-responsabbilta` tieghu ghal dan l-event kriminuz u dejjem cahad l-involviment tieghu. Huwa ndubitat madanakollu illi fiz-zmien li kien gie mitkellem mill-pulizija, huwa ma kienx ingħata d-dritt li jikkonsulta ma` avukat tal-għażla tieghu billi l-ligi applikabbli f'dak iz-zmien dan il-jedd kienet tipprekludieh. Fejn allura kien issa magħruf l-eżitu tas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet Beuze vs Belgium deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018.

> Illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-ilment minnu imqanqal u dan fid-dawl tal-izviluppi legali kif ukoll ġurisprudenzjali in materja f'dawn l-ahhar snin. Illi sa ftit ilu din il-Qorti (kif diversament komposta) rega` sahqet il-principju ta' dritt illi stqarrija rilaxxjata minghajr il-jedd tal-persuna suspettata tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skarata bhala prova in atti. Illi allura ghalkemm il-gurati fiz-zmien li kien celebrat il-guri inghataw direzzjoni mill-Imhallef sabiex jiehdu kont tat-twegibiet moghtija fl-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant, madanakollu minn dak iz-zmien il-posizzjoni legali u gurisprudenzjali inbidlet, in linea mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'uhud minn dawn id-decizjonijiet sahansitra inghataw fil-konfront ta' Malta :

"7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghal xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l- artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal- legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal- persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id- dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal- dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal- mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;

Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l- Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati; Illi ghalhekk l-evoluzzjoni tad-dritt ta' assistenza legali, kompriz allura l-enuncjazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jkun ekwiparat ma' bdil fil-ligi...'

Tenut kont tal-fatt illi l-istqarrijiet esebiti in atti gew rilaxxjati mill-appellant qabel l-2010, u allura fiz-zmien meta d-dritt ghall-assistenza legali kien kompletament inezistenti, din il-Qorti ma tistax hlief tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant meta tigi biex taghmel l-evalwazzjoni mill-gdid tal-provi fl-aggravju lilha devolut marbut mal-apprezzament tal-provi.

32. Illi l-pożizzjoni riġida addottata mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem f'**Borg vs. Malta** ġiet kemmxejn rilassata fis-sentenza **Beuze vs. Belgium** mogħtija nhar id-9 ta'

Novembru 2018 u iktar 'il quddiem f'**Farrugia vs. Malta** mogħtija nhar l-4 ta' Ġunju 2019. L-ispirtu ta' dawn is-sentenzi huwa tali li ma jwassalx għall-esklużjoni awtomatika tal-istqarrija mogħtija mill-akkużat minħabba li l-qafas leġislattiv in vigore fil-mument tar-rilaxx ta' din l-istqarrija jkun jipprojbixxi l-assistenza legali f'xi mument jew ieħor tal-proċess (preliminari) investigattiv, iżda hawnhekk l-insenjament kien favur l-evalwazzjoni ta' dawk il-fatturi li b'mod ġenerali jassikuraw l-*overall fairness of the proceedings* fid-deċiżjoni ta' jekk kienx seħħ ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

33. Illi bil-pożizzjonijiet differenti li ħadet il-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem **f'Borg vs. Malta** fuq naħa u **f'Beuze vs. Belgium** kif ukoll **f'Farrugia vs. Malta** fuq in-naħa l-oħra, ħolqot sitwazzjoni li waslet ukoll għal nuqqas ta' linearita' fid-deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin li jirrigwardaw stqarrijiet rilaxxjati minn akkużat jew suspettat mingħajr l-assistenza legali. Dan diġa' ġie osservat minn din il-Qorti kif preseduta f'sentenza oħra tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ismael Habesh u Faical Mahouachi** fejn għall-fini ta' prattiċita, qed jiġi riportat dak li ntqal:

> In-nuqqas ta' linejarita stretta fil-posizzjoni tal-QEDB fuq dan il-punt waslet ukoll għal interpretazzjonijiet differenti mill-Qrati domestiċi. Din tista' tkun rifless ta` posizzjonijiet ideoloġiċi differenti li joqltu l-punt legali sollevati bl-eċċezzjoni preliminari f'dan il-każ. Kif jiġri spiss, dawn is-sentenzi mhux dejjem ikunu unanimi; u bosta drabi jkun hemm opinjonijiet dissenzjenti esperessa minn xi wħud mill-Imħalfin li jiffurmaw parti minn dik il-Qorti. Fil-kuntest tal-materja legali dibattuta opinjonijiet dissenzjenti ma huma xejn sorprendenti minħabba t-tensjonijiet ideoloġiċi li jolqtu dawn il-punti legali u li waslu għal konklużjonijiet differenti fuq l-istess punti legali matul dawn l-aħħar snin.
>
> 33.Jirriżulta li s-sentenza Azzopardi aktar il-fuq imsemmija ingħatat madwar sitt xhur wara s-sentenza Beuze, iżda ġiet pronunzjata biss tmint ijiem qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza Farrugia. Jibqa' pero l-fatt li Farrugia v. Malta kien jittratta każ kriminali li kien ġie deċiż, 4 ta' Ġunju 2019 mentri dan in disamina huwa każ kriminali li għad irid jiġi ċelebrat. B'hekk din il-Qorti għadha fi stadju li tista' tqis iċ-ċirkostanzi partikolari u tevalwa l-prinċipji li jitnisslu minn din il-każistika tal-QEDB u tapplikaha b'mod konkret għall-każ in kwistjoni.
>
> 34.Fis-sentenza tal-Qrati Kostituzzjonali fl-ismijiet Graziella Attard vs. L-Avukat Ġenerali f'deċiżjoni mogħtija allura kemm wara Beuze kif ukoll wara Farrugia v. Malta, dik il-Qorti ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali wara li rriteniet li anki jekk ma jirriżultax ksur tad-drittijiet ta' smiegħ xieraq fid-dawl tal-linji gwida ta' Farrugia, bħala salvagwardja ma kienx ikun għaqli li (partikolarment fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja li

> kien joħloq element ta' imprevedibbilita' – kif kienu jirriżultaw il-posizzjonijiet konfliġġenti bejn il-każ Borg u l-każ Beuze) l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija minn Attard lill-Pulizija minħabba li fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehemha fir-reat. F'dak il-każ l-akkużata ma kienetx ingħatat l-opportunita li titkellem ma avukat qabel ma bdiet l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

34. Issa kif ġie indikat iktar 'il fuq, l-istqarrija ta' CATANIA nhar it-30 ta' Ġunju 2018 ttieħdet f'kuntest legali fejn kienu diġa daħlu fis-seħħ l-emendi tal-10 ta' Frar 2010 u kif ukoll dawk bl-Att LI tal-2016. Dawn id-drittijiet jirriżultaw li kienu ġew, għal iżjed minn darba, offruti lilu kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Maġistrat Inkwirenti qabel ma ttieħdu l-istqarrijiet li huwa irrilaxxja. Jirriżulta daqstant ieħor ċar li l-akkużat irrifjuta li jagħmel użu minn dan id-drittijiet li ġew mogħtija lilu. Dan il-fatt ġie wkoll rikonoxxut mill-akkużat stess meta fl-istqarrija tiegħu wieġeb fl-affermattiv għad-domanda li saritlu f'dan is-sens mill-Ispettur Jonathan Cassar kif jirriżulta a foljo. 217 tal-atti proċesswali. F'dan il-każ kien l-akkużat jew suspettat stess li rrifjuta dan id-dritt. Huwa ġie anki mistoqsi f'dan ir-rigward u ġie muri wkoll dikjarazzjoni li huwa ffirma fejn kien qiegħed jiddikjara li rrifjuta għal dan id-dritt, kif ukoll ikkonferma li kien iffirma dik id-dikjarazzjoni.

35. Illi apparti dan, a fol. 76 tal-atti jirriżulta wkoll li qabel ma l-akkużat beda jixhed nhar l-1 ta' Lulju 2018 quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, l-istess Maġistrat offrietlu d-drittijiet tiegħu skont il-Liġi viġenti ta' dak iż-żmien, u liema drittijiet huwa reġa, għal darba oħra, irrifjuta:

> Maġistrat Inkwirenti: Issa qabel ma nibdew irrid ninfurmawk illi inti għandek dritt illi tkun assistit one jew tikkonsulta ma' Avukat qabel ma nibdew u anki jkollok Avukat miegħek jekk inti tixtieq waqt din l-Istqarrija. Inti tixtieq illi tkellem Avukat?
>
> Fabian Catania: Le.
>
> Maġistrat Inwkirenti: U lanqas tixtiequ illi jkun hawnhekk miegħek?
>
> Fabian Catania: Lanqas.

36. Illi iktar 'il quddiem f'paġna 77 tal-atti proċesswali u fit-tieni paġna tax-xhieda tal-akkużat il-Maġistrat Inkwirenti, terġa tagħmillu

referenza għal dik l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja mal-Pulizija nhar it-30 ta' Ġunju 2018 u CATANIA jwieġeb fl-affermattiv meta mistoqsi jekk kienx infurmat mill-Pulizija bid-drittijiet tiegħu kif ukoll ikkonferma li huwa kien għażel li ma jagħmilx użu minn dawn id-drittijiet offruti lilu. Minn paġna 78 tal-atti proċesswali jirriżulta wkoll li l-Maġistrat Inkwirenti spjegat lill-akkużat li f'każijiet ta' din ix-xorta min jikkopera mal-Pulizija jkun jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena; iżda reġgħet wissiet lill-akkużat li b'dan ma jkunx ifisser illi għandu jwieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilu in kwantu huwa kellu dejjem id-dritt li jibqa' sieket sabiex ma jinkriminax ruħu u ma 'jwaqqax il-ġebla fuq saqajh'. U għal dan kollu jirriżulta li l-akkużat kien iwieġeb fl-affermattiv fis-sens li kien qiegħed jifhem x'kien qiegħed iseħħ u x'kien qiegħed jintqal u għal xiex huwa kien qiegħed jiġi investigat.

37. F'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel referenza għal kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021 f'liema każ l-akkużat kien ikkontesta l-ammissibilita' tal-istqarrijiet magħmula minnu meta huwa ma kellux assistenza legali iżda liema assistenza legali huwa stess kien **irrifjuta.** Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali in kwantu l-istqarrijiet magħmulin minn Aiello ma kellhomx jiġu skartati u dan għaliex stqarret li kienu saru in linja mal-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien tat-teħid ta' dawn l-istqarrijiet:

> 28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. **B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni.**[8] Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu."
>
> 15. Illi din il-Qorti ma għandha għalfejn iżżid xejn aktar billi l-Qorti Kostituzzjonali tat direzzjoni siewja ta' kif għandu jipproċedi dan il-proċess ġudizzjarju fejn ġie stabbilit illi ma seħħet ebda leżjoni tal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, u li allura dan ifisser illi l-istqarrija tiegħu ma tilfitx il-valur probatorju tagħha. Mhux biss iżda kif ingħad tajjeb mill-Qorti Kostituzzjonali l-appellat inqabad in flagrante qiegħed jipprova jdaħħal kważi erba' kilos droga cannabis ġewwa Malta u huwa biss ir-raba kap ta'l-Att ta'l-Akkuża li jolqot dawk iż-żewġ importazzjonijiet l-oħra fl-ammont ta' ħames kilos, li

[8] L-Enfasi tal-Qorti.

> seħħew qabel it-18 ta' Ottubru 2014 u li dwarhom ammetta l-appellat fl-istqarrija minnu rilaxxata.
>
> 16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l-istqarrija fil-ġuri, u peress ukoll illi mill-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tali leżjoni ma tirriżultax, f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova m'għandhiex tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess.
>
> 17. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat jekk jirrizulta illi din ma tteħditx skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

38. Din il-Qorti taqbel ma dawn il-konsiderazzjonijiet. Apparti minn hekk f'dan il-każ jirriżulta wkoll li l-akkużat ma kienx xi minorenni jew xi persuna vulnerabbli jew novizz għad-delinkwenza. Sas-sena 2018 CATANIA kien diġa xellef idejh mal-ġustizzja diversi drabi u l-fedina penali tiegħu ma kinetx waħda nadifa. Din il-Qorti tqis ukoll li fl-ebda mument waqt il-proċeduri kriminali istitwiti kontra tiegħu huwa ma kkontesta l-valur probatorju ta' din l-istqarrija minnu rrilaxxjata jew attakka l-mod ta' kif din ittieħdet. L-akkużat kien dejjem debitament assistit tul dawn il-proċeduri. Lanqas ma jirriżulta li fil-mument li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija kellu bżonn xi assistenza parikolari bħalma hi assistenza medika u ma ngħatax jew li ma kienx qiegħed jifhem il-portata ta' dak li kien qiegħed jistqarr. Ma jirriżultax ukoll li kellu xi impediment - mentali jew fiżiku jew ta' xorta oħra - li f'dak li mument irrendieh vulnerabbli.

39. L-appellant jisħaq li huwa kien qiegħed ibgħati minn *withdrawal symptoms*. Pero il-prova dwar dan hija nieqsa kompletament. Ma hemm ebda indikazzjoni li, f'xi ħin, kemm meta kien fil-kustodja tal-Pulizija jew meta ttieħed quddiem il-Maġistrati Inkwirenti, huwa kellu xi problema li minħabba fiha ma kienx qiegħed f'siktu jew ma kienx qiegħed jifhem x'kien qiegħed jiġri, jew x'kien

qiegħed jiġi mitlub minnu, jew x'kien qiegħed jiġi mistoqsi, jew x'kien qiegħed jiġi deċiż minnu. Anzi, jekk xejn minn natura tad-dikjarazzjonijiet li għamel, kif ukoll minn ċerti kummenti li għadda matul l-interrogatorju tiegħu mill-Pulizija u wara mill-Maġistrat Inkwirenti jirriżulta ċar li l-akkużat mhux biss kien luċidu, iżda wkoll kien konsistenti f'dak li kien qiegħed jgħid. L-anqas ma jirriżulta li l-akkużat talab għal xi assistenza medika u din ma ġietx offruta lilu.

40. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tqis li l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat nhar it-30 ta' Ġunju 2018 kif ukoll dak kollu li stqarr quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar l-1 ta' Lulju 2018 ittieħed kontra l-Liġi viġenti dak iż-żmien jew ittieħed b'xi mod irregolari. B'hekk dak mistqarr għandu jitqies bħala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri.

41. Illi l-akkużat jilmenta wkoll li huwa ma kienx ingħata d-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 534AB tal-Kodiċi Kriminali. Skont ma jirriżulta minn fol. 122 tal-atti proċesswali, kuntrarjment għal dak li jsostni l-akkużat, il-Pulizija Eżekutiva amministraw lill-akkużat id-drittijiet kollha naxxenti mill-Artikolu 534B(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-hekk imsejħa Ittra bi Drittijiet inkluż kwindi d-dritt għall-aċċess ta' informazzjoni u d-dritt li jkun eżaminat minn tabib, fost drittijiet oħra kif ingħad aktar 'il fuq, liema drittijiet huwa jidher li rrifjuta.

42. L-akkużat għandu kull dritt li jagħżel jekk jużax dawn id-drittijiet jew le. Huwa ġie mwissi għal iżjed minn darba, minn Uffiċjal Polizjesk u minn Uffiċjal Ġudizzjarju. Kien hemm ukoll intervent ta' ġurnata bejn l-ewwel offerta għal assistenza legali u l-għoti tal-ewwel stqarrija quddiem l-Ispetturi tal-Pulizija, għat-tieni offerta għal assistenza legali u r-rilaxx tal-istqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrati Inkwirenti. Kien huwa stess li għażel, liberament, li jċaħħad lilu nnifsu minn dan id-dritt. Ma hemm ebda evidenza fl-atti kumpilatorji li tindika li l-akkużat ma kienx luċidu fil-mument illi huwa hekk irrinunzja għal dawn id-drittijiet. Anzi, jekk xejn, l-istqarrijiet tal-akkużat jindikaw xort'oħra.

**Għal dawn ir-raġunijiet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet qiegħdin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

43. Illi fil-**ħames eċċezzjoni** l-akkużat jattakka l-istqarrija ġuramentata li rrilaxxja Tomislav Hegedus peress li dan huwa meqjus bħala ko-akkużat tiegħu fil-proċeduri in diżamina. Illi l-akkużat għandu raġun li Hegedus, in kwantu jista' jitqies li kien jaqa' fil-kategorija ta' ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi miegħu, ma jistax jiddeponi fil-proċeduri kontra tiegħu sakemm il-każ tiegħu ma jkunx sar definittiv u dan in linja mar-regola dettata mill-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali interpretata a contrario senso. U dwar dan il-punt il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija kopjuża. Hekk intqal fost oħrajn fil-kawża **Il-Pulizija vs. Omissis u Saada Sammut**[9], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali irrielvat is-segwenti:

> Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat liehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella**" [4.2.2004] u ohrajn.). L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.

44. Bl-istess mod, Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja**[10] sostniet is-segwenti:

> Kwantu għal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. **Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie**

[9] Deċiża nhar is-16 ta' Novembru 2006.
[10] Decided nhar il-31 ta' Lulju 1998.

**definittivament deċiż.**[11] Dan il-prinċipju japplika sia jekk il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor b'mod li jkun hemm ko-akkużat fil-veru sens tal-kelma-u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati.

45. Din il-Qorti tirrileva li kull stqarrija li rrilaxxa Hegedus ingħatat ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni tal-Liġi tippreskrivi s-segwenti:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

46. Bħala regola min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-Qorti u dan għall-fini ta' kontroll da parte tal-akkużat jew imputat. Hekk biss tkun tista' tiġi meqjusa ammissibbli x-xhieda tagħha li tkun ingħatat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti meta tkun hekk ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija/stqarrijiet li tkun irrilaxxjat mal-Pulizija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2003 **Il-Pulizija vs. Pierre Gravina** fejn intqal is-segwenti:

> L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

> be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.

47. Fil-każijiet li japplika għalihom l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, hija l-Liġi stess li tirradika l-kompetenza biex jixhed lil persuna li wkoll tista' tkun ko-akkużata ma persuna oħra. Bis-saħħa ta' din il-Liġi speċifika tirriżulta deroga għar-regola li persuna li tkun ko-akkużata titqies li hija xhud inkompetenti fir-rigward ta' persuna ko-akkużata. B'hekk bis-saħħa tal-istess Liġi, ix-xhieda ta' ko-akkużat minkejja li tkun timplika mhux lilu biss iżda anki lil persuna oħra – kemm jekk din tkun kompliċi jew ko-awtriċi – hija ammissibbli bħala prova u ma tistax tiġi skartata minħabba fli ngħatat minn ko-akkużat. Għalhekk l-akkużat m'għandux raġun fl-argument tiegħu li dawn l-istqarrijiet magħmula ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom ikunu a priori ddikjarati inammissibbli.

48. Il-ġurisprudenza daħlet ukoll ċerti prinċipji regolaturi fir-rigward ta' kif pero tali xiehda tista' tiġi użata fi proċeduri kriminali li jkunu jinvolvu ko-akkużati, ko-awturi jew kompliċi. Anzi iżjed minn hekk u b'mod speċifiku fir-rigward tal-każ tal-applikabbilta tal-evidenza miġbura fis-sensi tal-artikolu 30A tal-Kap 101 jew l-ekwivalenti tiegħu 121B tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ramon Fenech** deċiż fit-23 ta' Frar 2017 intqal hekk:

> 16. Hawn din il-Qorti sejra tirreferi fl-ewwel lok għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Paul Muscat fejn kienet ġiet eċċepita l-inammissibilita` ta' l-istqarrijiet ġuramentati ta' żewġ persuni kompliċi peress li ma xehdux fl-Istruttorja u l-artikolu 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali. F'dik is-sentenza ġie osservat hekk:
>
> "... Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura l-akkużat ma jkollu qatt l-opportunita` li jikkontroeżamina dawn ix-xhieda, l-istqarrijiet ġuramentati tagħhom ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom.

"9. Apparti hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet ħlief li tissofferma fuq issegwenti punti:

- l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.

- ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).

- fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.12

- jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali."

49. Ġie deċiż allura li l-Artikolu 30A mhux eċċezzjoni għar-regola kardinali ddetata mill-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali u hija soġġetta wkoll għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 646(1) tal-imsemmi kodiċi. Dan ikun ifisser li għalkemm konfesssjoni mogħtija minn ko-akkużat li tkun inkriminanti fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor hija ammissibbli fil-Liġi bis-saħħa tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-persuna li tirrilaxxja tali stqarrija **xorta waħda trid tagħti x-xhieda tagħha viva voce fil-proċeduri**, u għalkemm għandha kull dritt li tużufruwixxi mid-dritt tagħha li ma tinkriminax ruħha fil-waqt li l-proċeduri kontra tagħha jkunu għadhom ma sarux res judicata, hekk kif il-proċeduri kontra tagħha jinqatgħu definittivament, allura hija għandha tieħu l-pedana tax-xhieda bħal kull xhud ordinarju ieħor.

50. Bl-istess mod intqal fil-kawża **Il-Pulizija vs. Jeffrey Zammit** deċiża nhar is-26 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi: "Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra." Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:

"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull

persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."

Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi ir-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah pre-trial stage), hija prova valida. **Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi.**[12] Dan ukoll in linja mal-garanziji kostituzzjonali li jinsabu fil-qafas ta' kull process penali. Kwindi "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."

51. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tirrileva li d-dritt penali tagħna huwa msejjes fuq is-segwenti prinċipji:

i) Bħala regola fi proċeduri meħuda għall-ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat jagħmel konfessjoni li tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat ieħor; u tali xhieda hija ammissibbli u valida meta magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;
ii) Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir huwa jkun għadu meqjus bħala ko-akkużat in kwantu l-proċeduri kontra tiegħu jkunu għadhom sub-judice;
iii) Dan il-ko-akkużat jista' ma jkunx xehed fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu.

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

iv) B'dan ma jkunx ifisser li dan il-ko-akkużat ma jistax jinġieb biex jixhed iżjed 'il quddiem meta l-proċeduri fil-konfront tiegħu jkunu saru definittivi. U b'dan ma jfissirx li x-xhieda tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti tkun inammissibbli flimkien ma' kull stqarrija hekk magħmula ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

v) L-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma joperax bħala deroga mir-regoli sanċiti fl-Artikoli 636(b) u 646(1) tal-Kodiċi Kriminali rispettivament.

vi) Il-proviso tal-Artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni fil-każ ta' xhud li jagħmel stqarrija ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

52. U f'dan l-istadju din il-Qorti sejra tikkwota testwalment lil Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat** deċiża nhar is- 6 ta' Lulju 2016:

> Premess dan allura "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"
>
> Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta 1 Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003 6 u cioe: "Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat." **Issa allura dan ifisser illi ai termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront ta'l-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma**

**gewx konkluzi.**[13] Li hu certu huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-deposizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma iwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminhom. Fil-fatt meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gjaldarba l-akkuzat ma inghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn neis fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebieta in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi "ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce."

53. Għaldaqstant, filwaqt din il-Qorti għar-raġunijiet mistqarra aktar 'il fuq tqis li jkun prematur li **f'dan l-istadju** tali stqarrija u xhieda tiġi dikjarata inammissibbli. Kemm-il darba mbagħad fl-istadju tal-ġuri dan ix-xhud jibqa' ma jistax jagħti d-depożizzjoni tiegħu minħabba li jkun għadu ko-akkużat fid-definizzjoni tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tirriżerva li tindirizza lill-ġurati bil-mod opportun sabiex iwieżnu il-valur probatorju ta' dik ix-xhieda mogħtija minn Hegedus. Dan kien l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-kawża **Muscat** supra ċitata:

Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx rwiehom fil-process penali li ikun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu iggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentata u dan ghaliex "The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency."

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46] , inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-
"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."

Dan ifisser allura illi hemm erba kriterji li iridu jigu ikkunsidrati:

1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita li jikkontrolla dak li ighid ix-xhud.
2. il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita ta'l-istqarrija minnhom rilaxxjata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.
3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li ikun irrilaxxjaha.
4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u decisiva fil-konfront tal-persuna akkuzata.

Illi fil-kawza Saidi v France (1993 - 17 EHRR 251) inghad :- "The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. However, the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected." (sottolinjar tal-Qorti).

Dan ifisser allura illi tali prova ma tista' qatt titqies li hija inammissibbli semplicement ghaliex ix-xhieda li ikunu offrew dik l-istqarrija fl-istadju tal-investigazzjonijiet ma ikunux xehdu quddiem il-Qorti viva voce ghaliex din wahedha ma tistax twassla ghal inammissibilita ta' prova li l-ligi tqies bhala wahda legalment valida. Madanakollu min hu imsejjah biex jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira sabiex jigi zgurat illi d-dritt sagrosant sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni ghal smiegh xieraq f'kull process penali ma jigiex mittiefes.

54. U dan irid jinqara' fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment komposta fis-sentenza **Muscat,** fejn ġie deċiż li :

7. Issa, kif ingħad (supra para. 4) permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu lappellant eċċepixxa l-inammissibilita` ta' l-istqarrijiet ġuramentati ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo peress li dawn ma xehdux fl-Istruttorja u lartikolu 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mhux eċċezzjoni għarregola kontenuta fl-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-ewwel Qorti korrettement ċaħdet din l-eċċezzjoni. L-imsemmijin Apap u Bartolo fil-fatt ġew prodotti mill-prosekuzzjoni bħala xhieda iżda huma għażlu li ma jixhdux minħabba illi hemm proċeduri kriminali pendenti kontra tagħhom. Il-fatt li għażlu li ma jixhdux mhijiex ċertament

raġuni biex l-istqarrijiet tagħhom jiġu dikjarati inammissibbli. Barra minn hekk il-prosekuzzjoni ddikjarat quddiem din il-Qorti illi hija l-intenzjoni tagħha li tipproduċi lill-imsemmija żewġ xhieda fil-ġuri fil-konfront ta' l-appellant wara li jkunu ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra tagħhom.

8. Issa, filwaqt illi l-appellant stqarr illi "pjuttost jaqbel ma' l-esposizzjoni legali maghmula mill-Qorti Kriminali", isostni li l-eċċezzjoni tiegħu kellha tiġi deċiża b'dikjarazzjoni ċara li l-istqarrijiet ġuramentati ta' dawn iż-żewġ xhieda huma inammissibbli sakemm l-istess xhieda ma jixhdux viva voce waqt il-ġuri. Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti rriteniet "li fl-eventwalita` li ż-żewġ xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ma joffrux id-deposizzjoni tagħhom waqt il-ġuri minħabba l-pendenza tal-proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom, 'f'dak l-istadju l-ġurati għandhom jiġu iggwidati meta jiġu biex jiżnu l-valur probatorju tal-istqarrijiet ġuramentati'." Hawn qegħdin, kif anke aċċettat iddifiża, fir-relm ta' l-ipotetiku. Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura jiġri li l-akkużat ma jkollux u ma kellu qatt l-opportunita` li jikkontroeżamina dawn ix-xhieda dwar id-dikjarazzjonijiet ġuramentati li kienu għamlu, l-istess dikjarazzjonijiet ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom.

9. Apparti hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari akkurat talkonsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet ħlief li tissofferma fuq issegwenti punti:

- l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.

- ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).

- Fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.

- jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.

55. **Għal dawn ir-raġunijiet (u bil-premessa li kwalunkwe riferenza li tista si et quatenus issir għal xi stqarrija ġuramentata magħmula minn Hegedus din tkun tista' tiġi użata biss fil-parametri tal-ġurisprudenza iżjed il-fuq imsemmija), il-ħames eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**

## Ikkunsidrat

**Is-seba' u tminn imputazzjoni**

56. Illi l-akkużat jikkontesta l-validita' tal-istqarrijiet magħmula **verbalment** mal-Pulizija fil-mument tal-arrest tiegħu ġewwa Santa Venera. L-insenjament tal-Qrati Maltin fejn jidħlu stqarrijiet, ma jiddistingwix bejn stqarrijiet magħmula bil-miktub għal dawk magħmula bil-fomm in kwantu l-akkużat għandu dejjem igawdi minn dawk id-drittijiet tiegħu hekk kif sanċiti fil-Liġi. L-Artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali, jippreskrivi li dawn id-drittijiet jiskattaw malli persuna ssir **'suspettata'** fir-rigward tat-twettiq ta' reat li jkun qiegħed jiġi investigat. Isegwi li persuna għandha jkollha aċċess għad-drittijiet tagħha **mingħajr dewmien** kif del resto tgħid il-Liġi stess u dan anki jekk l-investigazzjoni ma tkunx għadha waslet sal-istadju fejn lill-persuna suspettata tiġi mitluba tirrilaxxja stqarrija bil-miktub u b'mod formali.

57. Għalhekk, fil-mument li persuna titwaqqaf mill-Pulizija b'rabta ma' investigazzjoni dwar is-suspett tal-kommissjoni ta' delitt, il-Pulizija minnufih trid tagħti aċċess għad-drittijiet lil dik il-persuna suspettata peress li minn dak il-mument il-quddiem, kull ħaġa li dik il-persuna tgħid tkun tista' tinġieb bħala prova kontra tagħha f' proċess penali eventwali. Dan huwa wkoll in linea ma dak preskritt mill-Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali:

> Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

58. Illi b'rabta mas-suespost din il-Qorti tagħmel referenza għall-appell kriminali **Gatt** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) kienet rinfaċċjata b'xenarju fejn l-appellant Gatt kien ġie interrogat mill-Pulizija fil-fażi inizjali tal-investigazzjoni meta skont ma jemerġi mix-xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg l-Pulizija kienu għadhom kemm sabu basket b'sustanza suspettata droga u basket bil-flus. Jirriżulta wkoll kif Gatt qatt ma kien ġie offrut aċċess għall-assistenza legali. Għalkemm huwa ma weġibx għad-domandi li kienu sarulu f'dak il-mument, il-Qorti tal-Appell Kriminali xorta waħda ddikjarat kull xorta ta' stqarrija magħmula verbalment **mingħajr mas-suspettat kien ingħata aċċess għall-assistenza legali** bħala perikolużi u inkriminatorji u bħala tali għandhom ikunu skartati:

> Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, 15 madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba.

59. Illi l-istess kien ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rio Micallef et** deċiża nhar it-3 ta' April 2019 fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet – kemm dawk magħmula bil-fomm kif ukoll dawk magħmula bil-miktub – meħuda fil-fażi hekk imsejħa *pre-trial* mingħajr mas-suspettat kien ingħata aċċess għall-assistenza legali:

> Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-istess konkluzzjoni talewwel Qorti qabilha, illi ma ghandha ssir ebda referenza ghall-kull stqarrija, miktuba jew orali maghulha maghmulha mill-akkuzati qua persuni suspettati lill-Pulizija fl-assenza ta' avukat ta' fiducja taghhom precedenti l-interrogazzjoni u dan sabiex ma jkun hemm ebda ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq fil-konfront tal-akkuzati.

60. Biss, fil-każ in diżamina mix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar tirriżulta stampa differenti minn dik fil-kawżi **Gatt** u **Micallef**. F'paġna 16 tal-atti proċesswali, l-Ispettur Jonathan Cassar jixhed hekk:

> Waqt is-search Fabian Catania li **kien diġa' ngħata l-caution u d-drittijiet tiegħu,**[14] mill-ewwel kien ta indikazzjoni li jixtieq jikkopera u mill-ewwel indika lil Tomislav Hegedus bħala l-mittent tiegħu, bħala l-bniedem li kien bgħatu bix-xogħol.

61. Għalhekk din fil-każ tirriżulta sitwazzjoni simili fis-sustanza għall-dak trapelat fil-kawża **Aiello** fejn il-kwistjoni mhix daqstant li CATANIA għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji fl-assenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu għaliex ma kienx offrut id-dritt għall-assistenza legali daqskemm li dan id-dritt li kien ġie offrut lilu kien ġie rifjutat mill-akkużat stess volontarjament u għażel li jagħmel stqarrijiet fl-assenza tal-avukat sempliċiment għaliex hu stess għażel li ma jikkonsultax jew iġib avukat miegħu meta ġie biex

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

jagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet. Għalhekk, din il-Qorti ma tqis li dawn l-istqarrijiet – li saru in linja mal-liġi viġenti ta' dak iż-żmien – għandhom jiġu skartati bħala inammissibbli.

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiċħad is-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet miġjuba mill-akkużat.**

**Ikkunsidrat**

**Id-disa' eċċezzjoni**

62. Illi id-disa' u l-aħħar eċċezzjoni hija dwar ir-reċediva. In materja ta' reċediva, din il-Qorti hekk kif preseduta dejjem irriteniet li biex il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun, fl-ewwel lok, reċidiva. Iż-żieda fil-piena hija **effett** tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex dak l-effett ikun jista' jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu – jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata. L-effett tar-reċidiva jista' jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-akkużat in kwantu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b'mod ġenerali jew speċjali.

63. Għalhekk l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jitqies mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali b'mod leġġer u dan peress li jekk pruvata, r-reċidiva tista' tħalli impatt serju fuq il-kwalita u l-kwantita tal-piena imponibbli fuq l-akkużat. Illi sabiex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenti potenzjal ta' żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari - il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li ċerti rekwiżiti stabbiliti mill-liġi u mill-ġurisprudenza jiġu soddisfatti.

64. Fosthom hemm :

i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;
ii. Ir-reċidiva mhix reat *per se* iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-akkużat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-akkużat.
iii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti in kwantu riferenza għall-fedina penali waħedha mhix suffiċjenti.
iv. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna akkużata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva, billi jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-akkużat, jew billi jkun hemm prova biċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-karta tal-identita jew minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-akkużat, jew mill-konnotati tal-akkużat imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata u li tikkonferma l-identiċita tal-konnotati tal-persuna akkużata mal-konnotati tal-persuna misjuba ħatja preċedentement mid-dokumenti li jkunu meħuda mill-proċess oriġinali.
v. Għall-fini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.
vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret **res iudicata** billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet **res iudicata**, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-pożizzjoni tal-persuna akkużata ma tkunx ġiet

kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

65. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-addebitu tar-reċediva fil-konfront tal-akkużat ġie msejjes in bażi għal sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 30 ta' Ottubru 2013 (li tinsab esebita a fol 614 tal-atti proċesswali) u oħra datata 8 ta' Frar 2017 (li tinsab a fol 617 tal-atti proċesswali). M'hemmx dubju dwar l-awtentiċita' ta' dawn is-sentenzi esebiti in kwantu t-tnejn li huma ġew iffirmati mid-Deputat Reġistratur bħala vera kopja fotostatika tas-sentenza oriġinali. Lanqas ma jirriżulta dubju dwar l-identita' tal-akkużat CATANIA għaliex il-partikolaritajiet tal-isem u tal-karta tal-identita' jaqblu ma' dawk tal-akkużat fil-kawża in diżamina. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-akkużat ma tistax tintlaqa' minħabba r-raġuni li qiegħed jagħti huwa fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

66. In kwantu għall-kriterju elenkat (vi), din il-Qorti tqis li jkun prematur li jiġi investigat jekk is-sentenzi li abbażi tagħhom qiegħed jissejjes l-addebitu tar-reċediva sarux definittivi jew le. Din hija kwistjoni ta' prova li trid tiġi deċiża jekk u meta jkun il-każ in bażi għal dawk il-provi li jkunu jistgħu jitresqu fl-istadju opportun. Kien jispetta lil Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha fl-istadju istruttorju u tindika lil dawk ix-xiehda li tkun bi ħsiebha tressaq matul il-kors tal-ġuri biex tipprova l-akkużi u l-addebiti tagħha bi provi ammissibbli li jissodisfaw il-livell ta' suffiċjenza probatorja inkombenti fuq il-Prosekuzzjoni.

67. Jekk il-Prosekuzzjoni naqset jew tonqos li tressaq dawk il-provi fl-istadju opportun, allura trid l-konsegwenzi naturali għall-akkużi jew addebiti tagħha, huma prevedibbli. Biss, din il-Qorti tirreżerva li tipprovdi fl-istadju opportun jekk u meta tkun imsejħa tagħmel dan fl-istadju opportun tal-proċeduri.

**Għaldaqstant, fil-parametri ta' dak mistqarr iżjed il-fuq, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda, għalkemm tirriżerva li tipprovdi fl-istadju opportun dwar ir-reċidiva jekk u meta tkun imsejħa tagħmel dan.**

# DECIDE

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari bil-mod u suġġett għal dak kollu kif imsemmi iżjed il-fuq.

Il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati. Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**